MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Numru. 950/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**Vs**

**Yacob Teklesenbet Zeweldi ta’ 28 sena iben Teklesenbet u Letensea, imwieled Eritrea, nhar il-01 ta’ Jannar, 1984, residenti gewwa Hanger Open Centre, Hal-Far, limiti ta’ Hanger Open Centre, Birzebbugia u detentur tal-karta ta’ l-identita` 0067812(A)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

1. fis-17 ta’ Settembru, 2012, ghall-habta tal-19:30hrs, gewwa Triq Hal-Far, Brizebbugia, ikkaguna griehi ta’

natura gravi fuq il-persuna ta' Annunziato Xuereb, Raymond Borg u Abdullah Abdeladif, skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri MD 2666 tal-Isptar Mater Dei;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Musab Mohamed Abigadir u Anthony Zahra, skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri MD 2666 tal-Isptar Mater Dei;

3. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanza, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAT053 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni fi stadju bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghal dak illi ghamel billi l-incident sehh minhabba li huwa kien ghadu inespert fis-sewqan tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 225, 226 (1)(a), 221 u 17h tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' sena prigunerija, liema perjodu ta' prigunerija wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti qed tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien sena mil-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali is-somma ta' elf mija u sebghin euro u wiehed u hamsin centezmu (€1,170.51) dovuti in konnessjoni ma spejjez peritali u dan fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------